MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2015

Talba Numru. 783/2014

**Island Resorts Company Limited (C10970)**

**vs**

**Giuseppe Bonanno (ID396651M)**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li din hi kawza bejn il-Kumpanija Attrici li tiggestixxi is-Soreda Hotel fil-Qawra u l-Konvenut li kien impjegat maghha b'kuntratt indefinit bhala Security Officer skond il-kondizzjonijiet tax-xoghol specifikati fid-Dok A fosthom "to patrol at all times all the hotel areas including the outside of the hotel, and loading bay for stores at the back of the hotel, roofs, corridors, garage and minus levels". Dan ix-xoghol kien matul il-lejl. Fil-fatt minn CCTV cameras (u wara minn kollegi tax-xoghol) irrizulta li l-Konvenut kien jghaddi sieghat rieqed. Il-kumpanija temmitlu l-impieg b'effett mill-14 ta' Novembru 2013. Il-Kumpanija hallsitu ta' kollox biex tevita xi passi kriminali izda bil-prezenti AVVIZ qed titlob rifuzjoni ta' somma ta' flus li tirraprezenta dak li fil-fatt l-impjegat ma hadimx.

Dan kollu premessi insibu li t-Talba hi formulata hekk:-

Ghaldaqstant peress illi dak li jithallas bla ma jkollu jinghata jista jintalab lura, is-socjeta' rikorrenti titlob umilment li dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jiffissa *arbitrio boni viri* u fuq bazi ta' ekwita' l-ammont li ghandu jigi rifuz lilha mill-intimat fis-somma ta' elf u sebgha euro u erbatax-il centezmu (€1,007.14c) jew somma verjuri ffissata li ma taqbizx il-kompetenza tieghu, flimkien mal-imghaxijiet mill-24 ta' Marzu 2014 sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt in subizzjoni.

Bhala RISPOSTA ntqal:-

1. Infondatezza tat-Talbiet Attrici.
2. Mhux minnu li l-Konvenut ghamel ix-xhur kollha ta' Ottubru u Dicembru 2013 rieqed billi (*recte*: biex) jevita x-xoghol.
3. Il-Konvenut dejjem ghamel xoghlu, kif suppost, bhala "security officer".

II PROVI

1. Hawn qed jingiebu biss siltiet mill-provi li izda jitqiesu flimkien ma dak kollu li tressaq quddiemu inkluzi dokumenti – fost dawn dak li ntwera fuq is-CCTV cameras.

2. **Dr. Paul Axiaq** ghas-Socjeta' Attrici esibixxa u kkonferma bil-gurament id-Dok VSB1 filmat originali maqsum f'diversi folders sabiex ikun aktar facli li jsir trasferiment – b'ebda silta ma tkun maqbuza (ara verbal *a fol* 34)

3. **Alan Barbara**, Operations Manager tal-lukanda li kkonferma l-kontenut tat-Talba kif imfisser *a fol* 36 *et seq* tal-process. Kien dar is-CCTV *footage* u nnota lill-Konvenut jirranga s-sufan u jorqod sa filghodu – dana ghal diversi granet. Dan sabu wara li kien caqlaq camera li kienet turi s-sufan, mentri qabel dan ma kienx jidher fuqha.

4. Esibixxa *logbook* (*fol* 48/81) li juri registrat xoghol li fis-CCTV juri li dak il-hin il-Konvenut kien rieqed. Spjega li ntalab l-ammont mitlub "ghax fil-fehma tieghu meta kien hemm il-camera mdawwra dak kien it-tul ta' zmien li ma kienx jahdem il-konvenut". Ghall-Konvenut il-hinijiet tax-xoghol kienu bejn is-7pm u s-7am b'siegha *break.*

5. Permezz ta' affidavit (*fol* 43) **Bozhidar Dimitrov** qal hekk:-
   (1) Kien *night receptionist* fil-lukanda bejn it-2/11/11 u t-3/5/2014.

   (2) Fis-Sajf 2013 gie l-Konvenut bhala "security officer" gdid ghal matul il-lejl.

   (3) Spiss inzertaw xoghol flimkien u l-Konvenut kwazi dejjem kien jorqod xi t-3am u jqum qabel is-7am. Kien jorqod fuq is-sofa tat-*TV Lounge*.

   (4) Ma rrapurtax qabel ghax dehrlu li ma kienetx affarieh. Meta sar jaf li l-Konvenut talab xi flus wara li kien tkecca, deherlu li kellu jitkellem.

6. Hu xehed fl-udjenza tal-24/2/2015 (*fol* 37/38) u qal li bejn it-3am u s-7am il-Konvenut gieli ghenu u gieli ghamel xi xoghol, imma larament. Ta dettalji ohra li dwarhom wiehed jista jmur direttament fuq ix-xhieda traskritta.

7. **Vince Debattista** qal li ilu jahdem mal-lukanda bhala Security minn Lulju 2013, bejn is-7pm u s-7am. Meta mpjega ruhu kien jaghmel xi "training" mal-Konvenut u kien jahdem mis-1pm sas-7am u l-"*work practices*" bazici kien ghallimhomlu l-Konvenut. Dana ghal ghaxart ijiem u kien idur il-"public areas", bibien, ecc.

8. **Il-Konvenut** qal li ried jiffoka fuq il-hin bejn it-3am u s-7am. Kienu regolarment jigu l-*arrivals* u kien jghinhom imorru fl-appartamenti barra l-lukanda. Kien ihejji te u kafe ghal min ikun ser jitlaq. Jekk bil-lejl ikun hemm xi lment lir-*Reception* jara kif kien jaqdihom. Kulma jinqala kien ghalih. Fil-5.30am kien itella l-bnadar (ara xhieda shieha *a fol* 39/40).

9. Meta raga xehed (ara xhieda *a fol* 81/2) ma zied xejn ta' sustanza hlief li fil-kontro-ezami qal hekk:-

> *Rajt it-tape. Qed jigi suggerit lili li fi tliet okkazjonijiet fi tliet granet separati jien kont rieqed ghal tliet sieghat fuq is-sufan u ma niccaqlaqx minn hemm fi tliet granet separati. Mhux minnu jiena dan ix-xoghol dawn it-tliet granet jien ukoll ghamiltu regolari*

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. Is-Socjeta' Attrici qed tfittex li tipprova l-kaz taghha permezz ta' dak li wriet is-CCTV *camera* – li hi xhieda oggettiva, la vvintata u anqas imbaghbsa. 'L hinn minn din hemm ix-xhieda ta' haddiem, Bozhidar Dimitrov li ma ntmerietx u ma jidhirx li kien hemm xi raguni ghala dan kellu jivvinta xi haga fuq il-Konvenut. Dan ix-xhud meta xehed u ghamel affidavit (24.2.2015) kien ilu li spicca mill-impieg mit-3.5.2014. Dan ifisser li ma sata kellu ebda motiv li "jinghogob" minn min ihaddmu.

2. Mhux qed jigi allegat li matul l-impieg tieghu il-Konvenut hlief raqad fuq ix-xoghol ma ghamilx. Wiehed ma jmurx minn estrem ghal iehor. Hawn anqas ghandna kas ta' xi naghsa izolata. Jew xihad marret ghajnu bih. Is-CCTV juri li fi tlett ijiem f'xulxin (ara pag 3) il-Konvenut kien rieqed ghal sieghat shah fuq sufan. Dana jitqies ukoll flimkien mal-asserzjoni ta' Dimitrov dwar id-drawwa li kellu l-Konvenut li jorqod (ara para 5(3) fit-Taqsima II *supra*).

3. It-TRIBUNAL iqis li hu pruvat li l-Konvenut ha hlas li ma kienx jisthoqqlu u, anke gwidat minn konsiderazzjonijiet ta' ekwita' kif hu statutorjament fid-dmir li jaghmel, jikkonkludi li l-Konvenut ghandu jirrifondi lura l-hlas indebitu li sarlu.

4. Id-diffikulta' hi li ma tistax tiffissa *quantum* bi precizjoni. Dan, izda, m'ghandux iwassal ghall-ingustizzja li ma tiffissa xejn. Ghalhekk, *arbitrio boni viri* qed tigi fissata s-somma ta' €600.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL jiddeciedi billi (1) **jaccetta** t-talba tas-Socjeta' Attrici fil-*quantum* ta' sitt mitt Ewro (€600.00c) (2) **jichad** l-eccezzjonijiet tal-Konvenut u (3) jghaddi biex **jikkundanna** lill-Konvent biex ihallas lis-Socjeta' Attrici il-*quantum* ta' €600.00 fi zmien ghaxart ijiem b'dana li f'kaz ta' nuqqas jibda ghaddej l-imghax **mil-lum** sal-jum tal-pagament effettiv u (4) fic-cirkostanza **jordna** u **jiddeciedi** li l-kawza tibqa bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------